MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Numru 42/2012

**“Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**v.**

***… omissis …***
**Aloysia Schembri**
***… omissis …*”**

**Il-Qorti:**

**1.** Reġgħet rat in-nota ta’ l-uffiċjal tal-*probation* Maria Mifsud ta’ l-10 ta’ Ottubru 2012 li biha għamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, u fejn infurmat lil din il-Qorti li l-imsemmija Aloysia Schembri naqset milli żżomm ruħha f’kuntatt mad-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole* skond id-direttivi mogħtija lilha minkejja li ngħatawlha diversi appuntamenti. Fil-fatt hija attendiet biss erba’ appuntamenti mit-tlettax li ngħatat u

falliet l-aħħar tlieta li ngħatat. L-irregolarita` fl-attendenza tagħha qed tindika instabilita` fl-aġir tagħha u mhux qed ikun possibbli li tingħata l-gwida neċessarja għar-rijabilitazzjoni tagħha. L-anqas mhu qed ikun possibbli li ssir is-superviżjoni li hi parti integrali mill-ordni ta' *probation*;

**2.** Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Ottubru 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 261, 267, 268, 278, 42, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Aloysia Schembri ħatja talli flimkien ma' *omissis 2* matul il-ġurnata ta' l-24 ta' Frar 2010 ġewwa Dar Niki Cassar, YMCA Hostel sitwata fi Triq San Nikola, Valletta, bħala residenti ġewwa l-istess *hostel*, assoċjaw ruħhom flimkien bil-għan li jagħmlu delitt u dan meta kkommettew serq ta' *lap-top* li l-valur tiegħu jeċċedi l-ammont ta' €232.94, liema reat huwa aggravat bil-valur u bil-persuna, għad-detriment ta' Rennie Cutajar, detentur tal-karta ta' l-identita` 164190(M) u persuni oħra, u qiegħdet lill-istess Aloysia Schembri taħt ordni ta' *probation* għal perijodu ta' sentejn taħt is-sorveljanza tad-direttur tal-*Probation Services* jew *probation officer* ieħor minnu nominat. Inoltre dik il-Qorti ħarġet ordni ta' trattament sabiex l-istess Aloysia Schembri tkompli l-programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga mill-istituzzjoni li diga` kienet qed issegwi;

**3.** Rat l-ordni ta' *probation* ta' l-istess data magħmul fil-konfront ta' l-imsemmija Aloysia Schembri u li stabbilixxiet is-segwenti kondizzjonijiet:

**"1. Li matul il-perijodu ta' *probation* il-ħatja għandha ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi kollha tal-*probation officer* u żżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-uffiċjal tal-*probation* maħtur lilha;**

**"2. L-uffiċjal tal-*probation* maħtur għal dan l-iskop għandu/ha j/tirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħatja kull … xhur/sena;**

**"3. Il-ħatja għandha tavża immedjatament lill-uffiċjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha;**

**"3. Li ghandha zzomm ruhha f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi li tagħtiha minn żmien għall-ieħor l-istess uffiċjal tal-*probation*; u partikolarment li hija għandha, jekk l-uffiċjal tal-*probation* ikun irid/trid, tirċievi żjarat ta' l-istess uffiċjal tal-*probation*."**

**4.** Semgħet id-deposizzjonijiet mogħtija mill-uffiċjal tal-*probation* Maria Mifsud; rat l-atti l-oħra tal-kawża; ikkunsidrat:

**5.** Mix-xiehda ta' l-uffiċjal tal-*probation* m'hemmx dubju illi l-*probationer* kisret xi kundizzjonijiet ta' l-ordni ta' *probation* bil-fatt li ma żammitx diversi appuntamenti mogħtija lilha mill-uffiċjal tal-*probation* kif ukoll bil-fatt illi ma nfurmatx lill-uffiċjal tal-*probation* bit-tibdil fl-indirizz tagħha. B'hekk la setgħet tingħatalha gwida u l-anqas setgħet issir superviżjoni. Jiġifieri ġie stultifikat l-iskop kollu tal-*probation*. Inoltre jidher li għal xi żmien il-*probationer* kienet qed tabbuża mid-droga. Fortunatament fil-mori tas-smiegħ ta' din id-denunzja jidher li kien hemm kambjament fis-sitwazzjoni billi bdiet tattendi regolarment għall-appuntamenti, dawn l-appuntamenti tużahom b'mod tajjeb ħafna, *urine tests* irriżultaw fin-negattiv u jidher li ilha tliet snin ma tabbuża mid-droga, qed tirrisjedi Fatima House minn fejn il-*feedback* li ngħatat l-uffiċjal tal-*probation* kien wieħed pożittiv, u qiegħda taħdem.

**6.** Din il-Qorti tawgura li tali progress jibqa' sejjer. Pero`, peress illi minn meta l-*probationer* tqiegħdet taħt *probation* kien hemm perijodu twil li għadda mingħajr ma segwiet rigorożament il-kundizzjonijiet tal-*probation* u għalhekk intilef ħafna żmien, huwa l-każ li jsir ordni ġdid tal-*probation* sabiex jibqa' jkun hemm superviżjoni kif ukoll sabiex tibqa' tingħata kull għajnuna li talvolta tkun meħtieġa.

**6.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Aloysia Schembri kisret l-ordni ta’ *probation* ta’ l-18 ta’ Ottubru 2011, tittratta magħha mill-ġdid għall-imputazzjoni dedotta kontra tagħha imsemmija hawn fuq (paragrafu tnejn), u wara li rat l-artikoli 261(c)(d), 267, 268(b), 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, tqiegħdha mill-ġdid taħt *probation* a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 għal perijodu ta’ sentejn millum taħt is-sorveljanza ta’ uffiċjal tal-*probation* li jiġi nominat/tiġi nominata għal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qiegħed jiġi hawn anness, u liema kondizzjonijiet il-ħatja ddikjarat li hija taċċetta. Tordna li kopja ta’ l-ordni ta’ *probation* tiġi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Uffiċjal Principali tal-*Probation*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------